GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 16 ta' Frar 2022 **Ref:** DLAP 050/2022

**Lill-:** Kapijiet taċ-Ċentri ta' Wens għat-Tfal

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Taħditiet dwar l-Iżvilupp tal-Lingwa fit-Trabi u t-Tfal iż-Żgħar f'Kuntest Bilingwi

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se torganizza sessjonijiet għall-maniġers, l-edukaturi u l-carers taċ-ċentri ta' wens għat-tfal dwar *L-Iżvilupp tal-Lingwa fit-Trabi u t-Tfal iż-Żgħar f'Kuntest Bilingwi*. Dawn is-sessjonijiet se jsiru online bl-MS Teams.

Is-sessjonijiet se jittrattaw is-suġġetti li ġejjin:
1. Il-promozzjoni tal-bilingwiżmu fiċ-ċentri ta' wens għat-tfal minn Dr Lara Ann Vella fit-8 ta' Marzu 2022, mill-16:00 sal-17:00;
2. L-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu bil-Malti u l-Ingliż mis-Sa Miriam Schembri fil-15 ta' Marzu 2022 mill-16:00 sal-17:00.

Min jixtieq jieħu sehem f'dawn it-taħditiet irid jirriserva post billi jimla formola onlajn. Il-formola tinstab f'din il-ħolqa: https://forms.office.com/r/PT4sYg2FEc

L-istedina biex tiġi segwita t-taħdita tintbagħat ġurnata qabel kull sessjoni.

Il-parteċipanti ta' dawn is-sessjonijiet jingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni.

Min jixtieq iktar tagħrif jista' jikkuntattja lil Dr Lara Ann Vella fuq lara.ann.vella@ilearn.edu.mt jew 25983328.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**